MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 169/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph (Giuseppe) Aquilina**
**Victor (Vittorio) Ragonesi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph (Giuseppe) Aquilina u Victor (Vittorio) Ragonesi talli fil-kwalita` taghhom ta' diretturi u/jew rappresentanti guridici tas-socjeta` Goldvest Company Limited (C18266) b'indirizz irregistrat 2A, T. Colombo Square, Gzira, u/jew bhala l-persuni li kienu nkarigati mill-istess socjeta` sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu pagi, bonus u *vacation leave* fl-ammont ta' Lm1,121.81 lill-ex-impjegat tas-socjeta` hawn fuq imsemmija, u cioe` lil David Micallef li l-impjieg tieghu gie terminat fil-31 ta' Marzu 2007.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, ai termini ta’ l-artikolu 45(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imsemmijin Joseph (Giuseppe) Aquilina u Victor (Vittorio) Ragonesi li jhallsu lill-imsemmi David Micallef l-ammont ta’ Lm1121.81 ekwivalenti ghal €2613.11 kif ukoll li jhallsu l-penali skond il-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Mejju 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 45(2), 5 u 15 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmijin Joseph (Giuseppe) Aquilina u Victor (Vittorio) Ragonesi hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta u kkundannathom multa ta’ mitejn u tlieta u tletin euro (€233) kull wiehed u inoltre ordnat li sa zmien xahar mid-data tas-sentenza appellata jhallsu lill-imsemmi David Micallef is-somma ta’ elf disa’ mija u wiehed u tmenin euro u disgha u tletin centezmi (€1981.39);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmijin Joseph (Giuseppe) Aquilina u Victor (Vittorio) Ragonesi pprezentat fit-3 ta’ Gunju 2008, li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberahom minn kull imputazzjoni u piena;

Rat il-pregudizzjali sollevata minn Dott. Maurizio Cordina ghall-Avukat Generali fis-seduta ta’ l-24 ta’ Gunju 2009 fis-sens li r-rikors ta’ appell huwa null pereess illi l-fatti fil-qosor huma neqsin;

Rat it-twegiba ta’ Dott. Vincent Galea ghall-appellanti fis-sens illi l-fatti fil-qosor huma elenkati fir-rikors ta’ l-appell min-numru 3 san-numru 8 u kull ma hemm nieqes fir-rikors hija l-intestatura “fatti fil-qosor”;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fl-20 ta’ Lulju 2009 li permezz taghha cahdet il-pregudizzjali

sollevata mill-appellat fis-seduta ta’ l-24 ta’ Gunju 2009 u ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) biex tigi stabbilita l-verita` objettiva li fuqha ghandha tigi deciza s-sentenza, il-Qorti ghandu jkollha kopja intiera tal-*Memorandum and Articles of Association* tas-socjeta` Goldvest Co. Ltd. u mhux estratt li jizvija lill-Qorti; (2) is-sentenza ghandha tinghata wara li l-Qorti jkollha kopja tar-risposti, jekk jinghataw, ghall-ittri Dok. VER1 sa VER23; (3) ix-xiehda ta’ Ian Meli mhijiex attendibbli qabel ma jkun hemm ir-risposti fuq indikati, u ghalhekk l-appellanti jghidu li ma kellhomx izjed provi qabel ma jircievu r-risposti ghall-korrispondenza tieghu, kompriza ittra mibghuta lill-Kummissarju tal-Pulizija; (4) ic-cekk li ntbaghat lil David Micallef, ghalkemm intqal li se jigi ritornat, inzamm minnu u ma ntbaghatx lura; (5) id-Dipartiment ripetutatament iddikjara bil-miktub li kellu jintbaghat mill-appellanti cekk ta’ Lm850.61, mentri l-akkuza saret ghal Lm1,121.81 ; (6) lid-Dipartiment intbaghtu kopja tal-*payslips* ta’ David Micallef (Dok. VER13) li d-Dipartiment injora illegalment ; (7) is-sentenza ma ghamlet ebda riferenza ghad-dokumenti u provi li saru u wisq anqas qalet li ma kinux rilevanti jew li huma falsi.

L-ewwel aggravju jirreferi ghall-eccezzjoni mqajma mill-appellant Dott. Victor Ragonesi quddiem l-ewwel Qorti li gie notifikat bhala Vittorio Ragonesi meta jmissu gie notifikat bhala Dr. Victor Ragonesi u li l-isem Vittorio qatt ma hu uzat minnu. Issa mic-citazzjoni jirrizulta illi l-appellant Dr. Ragonesi gie indikat bhala “Victor (Vittorio) Ragonesi”. Dan ifisser illi huwa gie notifikat kemm taht l-isem “Victor” kif ukoll taht l-isem “Vittorio” (l-ekwivalenti Taljan ta’ l-isem “Victor”). Il-fatt li ma jaghmilx uzu mill-isem “Vittorio” ma jfissirx illi gie indikat b’isem erroneju galadarba gie indikat ukoll bl-isem “Victor”. Imbaghad il-

fatt li ma giex indikat it-titolu tieghu ("Dr.") ma jfissirx illi giet notifikata persuna zbaljata. L-appellant Dott. Victor Ragonesi wiegeb ghac-citazzjoni u b'hekk il-funzjoni tac-citazzjoni – u cioe` li l-persuna mharrka tidher quddiem il-Qorti biex twiegeb ghall-imputazzjonijet maghmula kontra taghha – giet ezawrita. Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti jargumentaw illi s-sentenza ghandha tinghata wara li l-Qorti jkollha risposti riferibbilment ghad-dokumenti VER1 sa VER23. Id-Dok. VER1 hija kopja ta' ittra datata 7 ta' Mejju 2007 li s-socjeta` msemmija baghtet lil David Micallef flimkien ma' cekk ghas-somma ta' Lm619.84 *"in full settlement"*. Ir-risposta ghal din l-ittra tinsab fl-ittra tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi datata 18 ta' Mejju 2007 (Dok. VER7). Dott. Ragonesi wiegeb din l-ittra (fejn iffirma bhala "V.E. Ragonesi") fit-28 ta' Mejju 2007. Fl-20 ta' Gunju 2007 rega' kiteb lid-Dipartiment fejn allega li David Micallef kien ghamel *"a false claim against his employee"* (Dok. VER12). Milli jidher kien hemm xi komunikazzjoni bejn Dott. Ragonesi u d-Dipartiment peress illi b'ittra ohra tas-6 ta' Lulju 2007 (Dok. VER13) Dott. Ragonesi baghat kopja ta' *payslips* ta' David Micallef *"as agreed"*. Fil-5 ta' Ottubru 2007 (Dok. VER20) Dott. Ragonesi wiegeb ittra tad-Dipartiment datata 2 ta' Ottubru 2007 li pero` ma gietx esebita. Sadattant jidher li Dott. Ragonesi kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija beix jiehu passi kontra David Micallef talli ghamel rapport falz. Jidher li tali korrispondenza baqghet bla twegiba. Baqghet ukoll bla twegiba ta' David Micallef ittra ta' l-4 ta' Settembru 2007 (Dok. VER4) u ittra ufficjali lill-istess David Micallef (Dok. VER6).

Il-kwistjoni f'dawn il-proceduri tirrigwarda unikament il-ligi dwar l-impjiegi. Kwistjonijiet ohra bejn is-socjeta` Goldvest Co. Ltd. u David Micallef elenkati fl-ittra ta' l-4 ta' Settembru 2007 (Dok. VER4) huma irrilevanti, u ghaldaqstant irrilevanti jekk David Micallef wegibx jew le. Il-kwistjoni tal-paga (effettivament limitata ghat-talba dwar *vacation leave*) giet trattata mid-Dipartiment tar-Relazzjonjiet Industrijali u ta' l-Impjiegi f'isem l-istess

David Micallef. Din  il-Qorti l-anqas ma tista' tara kif jista' jkollu rilevanza l-fatt li l-Kummissarju tal-Pulizija ma wegibx ghat-talba ta' Dott. Ragonesi biex jittiehdu passi kontra David Micallef ghal rapport falz. Wara kollox David Micallef mar l-imsemmi Dipartiment sabiex isaqsi u jfittex id-drittijiet tieghu skond il-ligi ta' l-impjiegi u gie dirett mill-istess Dipartiment dwar dawk li dehrilhom kienu d-drittijet tieghu. Ghalhekk anke t-tieni aggravju qieghed jigi michud. Konsegwentement ukoll it-tielet aggravju.

Dwar ir-raba' aggravju jirrizulta li c-cekk in kwistjoni baqa' ma ssarrafx u nzamm mid-Dipartiment u mhux minn David Micallef. Difatti gie esebit f'dawn il-proceduri permezz ta' nota ta' l-Avukat Generali tal-21 ta' Lulju 2009. Ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' aggravju.

Kwantu ghall-hames aggravju, huwa ovvju li t-talba ghal Lm1,121.81 fic-citazzjoni hija erroneja. Difatti anke meta l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha giet biex tordna l-hlas ta' dak li dehrilha huwa dovut lil David Micallef, hija ordnat lill-appellanti jhallsu s-somma ta' elf disa' mija u wiehed u tmenin euro u disgha u tletin centezmi (€1981.39) – ekwivalenti ghal tmien mija u hamsin liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm850.61). Ghalhekk anke dwar dan l-aggravju din il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

L-ahhar zewg aggravji bazikament jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi. Din il-Qorti wara li semghet ix-xhieda mill-gdid u wara li ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, tghid mill-ewwel li l-kwistjoni kollha tirrigwarda biss l-intitolament o meno ta' David Micallef ghal kumpens ghal *vacation leave* li ma hax tul il-perijodu ta' impjieg tieghu. Difatti meta jigu ezaminati l-ittra ta' l-appellant Dr. Ragonesi tas-7 ta' Mejju 2007 lil David Micallef u l-ittra tad-Dipartiment tat-18 ta' Mejju 2007 lis-socjeta` Goldvest Co. Ltd., jirrizulta li hemm qbil bejniethom dwar il-paga u l-*bonus* dovuti kif ukoll dwar it-tnaqqis ta' sigurta` socjali u ta' taxxa. L-unika divergenza tirrigwarda s-somma ta' Lm230.77 ghal *vacation leave* ghall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2007 sal-31 ta' Marzu 2007.

Mill-imsemmija ittra tas-7 ta' Mejju 2007, jirrizulta li s-socjeta` msemmija tikkontendi li m'ghandhiex thallas dik is-somma ghax David Micallef *"could have easily had leave, as most of the staff did, whilst you were General Manager, as specified in the annexed list and when the occupancy was low.... When an employee fails to take leave, when he could have taken it, he forfeits it."*

Issa, David Micallef kien gie impjegat bhala General Manager ta' l-Imperial Hotel f'tas-Sliema. Kull ma ghamel f'dak l-impjieg kien tliet xhur u kien taht *probation*. Huwa xehed li beda jaghti l-*leave* lill-impjegati li kienu tahtu ghax kellhom hafna *leave* u hu kien ghadu diehel u ma setax jiehu *leave*. Il-posizzjoni ta' David Micallef kienet iggorr maghha certa responsabbilta` u din il-Qorti tifhem id-diffikulta` li seta' kellu biex jibda jiehu *leave* meta kien ghadu kemm gie impjegat f'dik il-kariga. Huwa naturali li ried ikun *hands on*. Mill-prospett anness ma' l-ittra tas-7 ta' Mejju 2007 jidher car li l-*lean period* kien proprju fl-ewwel xahrejn ta' l-impjieg tieghu. F'dal-perijodu, tajjeb jew hazin, kif jirrizulta mill-ittra ta' l-4 ta' Settembru 2007 (Dok. VER4) kien qieghed jaghmel xoghol relatat ma' kuntratti ma' diversi agenzji ta' l-ivvjaggar – ghall-finijiet ta' dan l-appell il-Qorti mhijiex se tidhol fil-kwistjoni jekk dawn il-kuntratti kinux ta' beneficcju jew le ghas-socjeta` Goldvest Co. Ltd. u jekk il-kundizzjonijiet kinux iffirmati jew le minn Micallef; qed jissemmew biss biex jintwera n-natura tax-xoghol, jew parti mix-xoghol, li kien okkupat bih. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni mela dwar il-fatt li fil-perijodu 1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Marzu 2007 David Micallef ma ha xejn mil-*leave entitlement* tieghu tas-sena. Dan jirrizulta wkoll mill-*payslips* a fol. 26 – 28.

Skond ir-regolament 8(1) ta' l-Avviz Legali 247/2003:

**"Kull haddiem ghandu jkun intitolat ghal *leave* bi hlas kull sena li mill-inqas ikun ekwivalenti f'ghadd ta' sighat ghal erba' gimghat u erba' granet tax-xoghol imkejjel fuq il-bazi ta' gimgha ta' erbghin siegha xoghol, u fuq gurnata ta' tmien sighat xoghol u minn dan id-dritt ta' *leave* li jinghata kull sena, perijodu minimu ekwivalenti ghal erba' gimghat ma jistax**

**jinbidel ma' *allowance* minflok, minbarra meta r-relazzjoni ta' impieg tkun itterminata, u kull ftehim kuntrarju ghal dan ghandu jkun null u invalidu."**

Il-ligi mela hija cara. David Micallef kien impjegat mas-socjeta` Goldvest Co. Ltd. ghal tliet xhur. Jigifieri kien intitolat ghal kwart mill-*entitlement* tieghu tas-sena ekwivalenti ghal tmint ijiem (gimgha u gurnata) ossia 48 siegha. Peress illi l-impjieg tieghu gie tterminat, huwa gie intitolat li jigi kkumpensat ghal-*leave* li ma hax. Dan gie kkalkulat mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjiegi fl-ammont ta' Lm230.77 (€537.55) – li huwa inqas minn dak pretiz minn David Micallef (ara ittra ta' l-Avukat tieghu Dok. IM1 a fol. 36 fejn it-talba kienet ghal Lm243.05 ghal sebat ijiem biss u mhux tmint ijiem). Ghalhekk is-socjeta` Goldvest Co. Ltd. kellha thallas lil David Micallef mhux biss is-somma ta' Lm619.84 li ntbaghtlu permezz ta' cekk ma' l-ittra tas-7 ta' Mejju 2007 (Dok. VER1 a fol. 13), izda wkoll is-somma ta' Lm230.77 ghall-*vacation leave*, u cioe` total ta' Lm850.61, ekwivalenti llum ghal €1981.39.

Konsegwentement l-appell ma jimmeritax akkoljiment. Kwantu ghall-piena, pero`, stante li in effetti s-socjeta` msemmija kienet baghtet lil David Micallef il-paga kollha dovuta minnha u ma naqsitx milli thallas il-kumpens dovut ghall-*vacation leave* b'sens ta' *dolo*, hemm lok li jkun hemm tibdil fix-xorta tal-piena nflitta mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti ghall-hlas ta' multa ta' €233 kull wiehed u minflok bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberahom bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor matul il-perijodu ta' xahar millum, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan li l-perijodu ta' xahar ghall-hlas ta' €1981.39 lil David Micallef jibda jiddekorri millum. Jibqghu impregudikati pretensjonijiet ohra li jista' jkun hemm bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------